# Editorjal

**Matul din is-sena, l-editorjal se jiffoka fuq it-tema tal-katekeżi.**
**Nirringrazzjaw lil Fr Carl M Sultana li se jaqsam magħna l-ħsibijiet tiegħu.**

## Katekeżi skont iċ-ċirkustanzi tal-Ħajja

Jekk ma nistgħu qatt nisħqu biżżejjed fuq il-bżonn ta' katekeżi soda għaddħul fil-ħajja nisranija, daqstant ieħor ma nistgħux nittraskuraw il-katekeżi li tista' tingħata lil kull kategorija ta' nies skont iċ-ċirkustanzi li minn żmien għal ieħor isibu ruħhom fihom, jew jgħaddu minnhom bħala progress minn stat ta' ħajja għal stat ieħor. Għaldaqstant, b'katekeżi skont iċ-ċirkustanzi nifhmu dik il-katekeżi li tingħata lil persuni li qed jippreparaw biex jiżżewġu bi żwieġ nisrani; katekeżi li tingħata lill-ġenituri tat-trabi li jkunu se jitgħammdu, jew tat-tfal li jkunu se jirċievu l-Ewkaristija għall-ewwel darba, jew is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof; katekeżi f'xi okkażjoni speċjali bħal meta l-Papa Benedittu XVI kien ġej għal żjara pastorali f'Malta, u oħrajn.

Din il-katekeżi okkażjonali hija importanti minħabba l-fatt li Alla jkellimna wkoll permezz tal-ġrajjiet li ngħaddu minnhom fil-ħajja ta' kujum. Imma jekk aħna ma nintebħux li Alla qiegħed ikellimna wkoll permezz tal-ġrajjiet li ngħaddu minnhom, jista' jiġrilna li nitilfu ħafna okkażjonijiet li permezz tagħhom Alla jagħtina l-grazzja fil-ħajja ta' kuljum. Il-katekeżi tgħinna ħalli nagħrfu l-id ta' Alla f'dak kollu li ngħaddu minnu. Barra minn hekk, permezz tal-katekeżi okkażjonali, speċjalment fejn jidħlu s-sagramenti, il-persuna ssir aktar konxja tal-effetti li kull Sagrament partikulari jħalli fil-persuna, u għalhekk il-persuna tkun aktar persuna lesta biex tilqa' l-grazzja li Alla jagħti lill-bniedem permezz tas-Sagramenti.

Il-katekeżi okkażjonali nistgħu nqabbluha ma' tabib li jibqa' dejjem jaġġorna ruħu fejn tidħol il-mediċina u l-kura ta' mard ġdid, għaliex biex jaqdi sewwa u bi professjonalità s-sejħa tiegħu bħala tabib, irid jibqa' dejjem jaġġorna ruħu dwar l-aħħar *viruses* li jkunu feġġew fid-dinja, flimkien mal-aktar mediċina tajba u effettiva biex dawn il-*viruses* jiġu meqruda, u b'hekk tiġi restawrata s-saħħa fil-bniedem. Kieku t-tabib ma jkunx aġġornat, ma tkunx ħaġa faċli għalih li jsib mill-ewwel il-kawża ta' dak li jkun qed jagħmel il-ħsara lill-bniedem, u b'hekk japplika l-mediċina direttament biex jegħleb dak li jkun qed jagħmel ħsara lill-bniedem. Hekk ukoll il-katekeżi okkażjonali żżommna aġġornati ma' dak li nkunu għaddejjin minnu ħalli nkunu nistgħu nibqgħu nikbru dejjem, pass wara pass, fil-vjaġġ tagħna lejn is-sema. Permezz tal-katekeżi okkażjonali, jiġu spjegati lilna l-ħafna simboli, sinjali u kliem li jgħinuna nidħlu aktar fil-misteru li jirrappreżentaw, u li nkunu qed niċċelebraw.